MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 333/1999/1

**Raymond Cassar**

**vs**

**Raphael Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur s-somma ta' tliet mija u tmenin lira (Lm380) in kwantu ghal mitejn u tmenin lira (Lm280) prezz ta' spare parts lill-konvenut mibjugha u kkonsenjati u kwantu ghal mitt lira (Lm100) bhala kumpens ghal servigi resi lill-konvenut in konnessjoni mal-bejgh ta' magna.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Marzu 1997, dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta‘ Mejju 1997, u dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju fl-ismijiet premessi

diga’ presentat, u bl-imghax legali mit-2 ta’ Mejju 1997, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet sottomessa mill-konvenut u li biha eccepixxa bir-rispett (fol 6 tal-atti):

1. Illi l-ammont reklamat mill-attur huwa eccessiv in kwantu, fl-ewwel lok, il-prezz miftiehem bejn il-partijiet bhala valur ta’ l-ispare parts in kwistjoni kien biss ta’ mija u tmenin Lira Maltin (Lm180.00) u mhux ta’ mitejn u tmenin Lira Maltin (Lm280.00) kif allegat.

2. Illi inoltre’, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-ftehim bejn il-partijiet kien wiehed ta’ tpartit u mhux ta’ bejgh, u l-attur kien iddepozita l-ispare parts in kwistjoni ghand l-eccipjenti, izda naqas milli jiehu l-oggett miftiehem bhala kunsiderazzjoni, u ghalhekk, fic-cirkostanzi, l-eccipjenti ma ghandux ibaghti l-ispejjez zejda inkorsi f’dawn il-proceduri.

3. Illi fl-ahhar nett, l-ammont mitlub in linea ta’ kumpens ghal servigi huwa wkoll eccessiv in kwantu jirreferixxi ghal servizz ta’ senserija pprestat mill-attur lill-eccipjenti fil-bejgh ta’ makna bil-prezz ta’ circa disa’ mitt Lira Maltin (Lm900.00) , u ghalhekk l-ammont dovut in linea ta’ senserija huwa ta’ disa’ lira Maltin (Lm9.00) u mhux ta’ mitt Lira Maltin (Lm100.00) kif pretiz mill-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar dak mitlub fl-avviz u dak allegat fin-nota tal-eccezzjonijiet, kif jirrizulta mill-atti, dak kollu li sar kien gie miftiehem <u>verbalment u presenti biss</u> l-attur u l-konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur jsostni (fol 10 et seq ibid) li kellu disponibbli partijiet ta' vettura "Ford Transit" konsistenti f'"seba' bicciet" ossija "differentials" u "front axles".

In rigward dan, l-attur kompla jghid li l-konvenut u hu kienu ftehmu li l-istess konvenut jixtri il-partijiet kollha bil-prezz ta' Lm40 il-wahda, b'kollox Lm280. Wara dan il-ftehim l-attur kien, hu stess, ikkonsenja l-oggetti in kwistjoni f'garage, appartenenti lill-konvenut u sitwat fiz-Zejtun. Izda, sallum, dan l-prezz ma kienx thallas. Sussegwentement, wara li ghadda xi perjodu ta' zmien ("Ma kienx hemm bejniethom, xi perjodu twil"). L-attur kompla jghid li hu kien involut bhala sensar meta l-konvenut kien biegh magna tal-marka "Ford Transit" lil terza persuna aktarx bl-isem ta' "Leli". In rigward dan in-negozju, l-attur jghid li meta dan "Leli" kien talab minn ghandu magna minn dan it-tip li, pero', ma kienetx disponibbli. Ghalhekk kien cempel lill-konvenut li da parti tieghu kien qallu li kellu magna ta' dan it-tip u seta' jbieghha bil-prezz ta' Lm900 u, filfatt, kien offra u ippremetta hu stess lill-attur li jhallsu Lm100 ta' dana in-negozju. Jidher li, skond l-istess attur, li dan il-bejgh gie konklus, b'dan il-prezz li filfatt kien thallas in vista li kien presenti meta "Leli" kien ha l-istess magna minghand il-konvenut. Dwar il-premess, l-attur cahad li kien hemm xi ftehim ta' tpartit bejnu u l-konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenut (fol 17 et seq ibid) jsostnu li fil-bidu, hu kien xtara minghand l-attur "differential" wiehed bil-prezz ossija Lm35 debitament imhallas. In rigward dan hu ma kienx accetta li jixtri d-"differentials" kollha bil-prezz ta' Lm20 il-wiehed. Wara li ghadda certu zmien, kien rega' gie avvicinat mill-attur sabiex hu jakkwista dawn il-partijiet, kollha kemm huma. Hawnhekk il-konvenut ghamel proposta lill-attur fis-sens li jsir tpartit bejn l-istess partijiet u magna. L-attur staqsieh jekk kellux magni DI, li filfatt, kellu waqt li l-attur infurmah li l-partijiet kienu jiswew ("jidhirili") Lm180. Sussegwentement, il-partijiet ingiebu mill-attur u tpoggew minnu fil-"garage" tal-konvenut fejn ghadhom sallum. Pero l-attur, skond dejjem il-konvenut,

meta ra l-magni disponibbli, kien informah li dawn ma kienux "sbieh" u ghalhekk il-konvenut qallu sabiex jiehu d-"differentials" li, pero', ma ittiehdux lura.

In rigward it-talba dwar senserija, il-konvenut stqarr li kien minnu li biegh magna lill-certu "Leli" bil-prezz ta' Lm700. Dwar dan in-negozju, l-konvenut sema' li kienet saret kitba li, pero', inzammet, minghajr ma saret xi kopja, mill-kompratur. Dwar dan in-negozju, l-konvenut kien qal biss lill-attur "intik li haqqek" minghajr xi ftehim dwar ammont. Ta' min innota li fl-istess eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut accetta li hi dovuta senserija lill-attur izda qed jikkontesta l-ammont pretiz mill-attur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar l-ewwel talba maghmula mill-attur, jidher li gie pruvat bhala fatt li l-attur kien ikkonsenja lill-konvenut diversi partijiet ta' vettura. Difatti, l-konvenut zamm ghandu dawn l-oggetti minghajr ma raddhom lura jew iddeposithom taht l-awtorita' ta' din il-Qorti. Dwar il-ftehim kienx bejgh jew tpartit, mill-apprezzament tal-provi jidher li trattasi ta' <u>ftehim ta' bejgh</u> u mhux tpartit ("exchange") li qed jallega il-konvenut in vista li l-Qorti issibha difficli li temmen li l-konvenut kien dispost li jpartat oggetti ma magna li certament tiswa ferm aktar. Ghalhekk il-konkluzjoni trid tkun li dak li xehed l-attur hu aktar attendibbli, fuq basi ta' probabbilta, minn dak li jsostni l-konvenut fuq dan il-"fact at issue".

Illi dwar it-talba ghal senserija, kif di gja inghad, il-konvenut accetta li din hi dovuta minnu lill-attur. Pero, hawnhekk, ma jidhirx car jekk kienx hemm effettivament xi ftehim dwar l-ammont dovut. Ghalhekk, il-Qorti ser tapplika l-artikolu 1362 tal-Kodici Civili. Konsegwentement l-ammont dovut mill-konvenut vis-à-vis dan it-talba hi Lm9 u mhux Lm100 kif pretiz.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, l-ammont globali pretiz mill-attur ghandu jigi ridott ghal <u>Lm289</u>.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici kif ridotti u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm289 bl-imghax legali mit-2 ta' Mejju 1997 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward il-kap tal-spejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Marzu 1997 u ta' dik ufficjali tat-2 ta' Mejju 1997 oltre dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju imsemmi fl-avviz, dawn jithallsu kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur, kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------